**Raġel tat-tbissima**

Niftakrek l-ewwel darba
Kif dħalt 'l ġewwa f'kamartek,
Sammrittni ħarstek ħelwa
Tkattret kull meta rajtek.

Għajnejk kienu fil-paċi
Minnhom kemm ħareġ sliem w sliem,
Li qaddes jiemek fostna
Bih beriktilna dal-jiem.

Li jgħaddu bħalma ħajtek
Bħal ħolma għaddiet ħabib,
Imma int t'għaqli urejtna
Li min jgħixha ferħ isib.

Għax dik il-kalma tiegħek
Żgur li kienet minn hemm fuq,
Fejn hemm is-Saltna t'Alla
Għaliha tixxennaq 'r-ruħ.

Minn hemm fis-sema ħija
Ftakar fina b'dak talbek,
Li bħax-xita iraxxax
Fuqna, mingħand Min ħalqek.

Tifkirietek sabiħa
Personalment nibqa' ngħożż,
Għallimtni l-ġabra w l-hena
Li ġġarrab biss qalb li tħobb.

L-eżempji ħelwin tiegħek
Ħlewwa kbira tal-Mulej,
Jibqgħu magħna, jweżnuna
Fiż-żmien t'issa u f'li ġej.

Strieħ issa ħabib tiegħi
Għadda l-għelt, għab l-imwieġ,
Ħu ħsiebna hemm fis-sema
Ibqa' ħobbna mis-smewwiet.

Aħna minn hawn inħobbuk
Għalik nitolbu b'qima.
Donald, rigal ta' Kristu
Ir-raġel tat-tbissima.

Patri Mario Attard OFM Cap

14 ta’ Mejju 2024

Iberrikkom Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.